32000R0264

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 264/2000

tat-3 Frar 2000

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 rigward statistiċi ta' finanzi pubbliċi fuq żmien qasir

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità ([1]), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 448/98(2), u partikolarment l-Artikolu 3 ([2]) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 104/(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni trid tikkontrolla l-iżvilupp tas-sitwazzjoni ta' l-estimi.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' posizzjonijiet ta' l-estimi u s-sorveljanza u l-kordinazzjoni ta' strateġiji ekonomiċi ([3]) meqjusa xierqa biex jimxu id f'id mal-proċedura ta' sorveljanza multilaterali fl-Artikolu 99(3) u (4) tat-Trattat b'sistema ta' twissija bikrija, li fuqha l-Kunsill irid iwissi Stat Membru fi stadju bikri għall-ħtieġa li jieħu azzjoni korrettiva meħtieġa għall-estimi sabiex jipprevjieni li l-isbilanċ tal-gvern isir eċċessiv.

(3) Ir-rapport tal-Kunsill Ekofin dwar il-ħtiġiet statistiċi fl-unjoni ekonomika u monetarja, approvat fit-18 Jannar 1999, abbozza partikolarment il-ħtieġa ta' statistiċi finanzjarji pubbliċi komuni u armonizzati fuq żmienijiet qosra ta' l-Istati Membri, partikolarment dawk li jappartjienu għall-unjoni ekonomika u monetarja.

(4) Ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali, speċjalment il-konċetti tas-Sistema Ewropea ta' kontijiet 1995 (ESA 95), huma meqjusa bħala strumenti li jiżguraw il-komparabilità u t-trasparenza ta' *data* bejn l-Istati Membri.

(5) Avviċinament pass-pass lejn il-bini ta' sett sħiħ ta' kontijiet għal kull kwart tas-sena għas-settur governattiv fil-qafas ta' l-ESA 95 għandu jiġi segwit, mill-bidu tas-sena 2000 bl-ewwel sett ta' komponenti tal-kontijiet tal-gvern ġenerali jkunu disponibbli skond il-fehm l-ESA 95.

(6) Għandha tingħata prijorita lill-komponenti li jirrappreżentaw bassara ta' min joqgħod fuqhom fit-tendenza tal-finanzi pubbliċi u li jkunu disponibbli regolarment fil-ħin.

(7) It-taxxi, il-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji soċjali attwali, bħala l-ewwel sett ta' komponenti, iridu jagħtu sinjali bikrija ta' twissija għal riskji possibli fl-estimi u tagħrif ta' ħtieġa dwar żviluppi ċikliċi fl-ekonomija.

(8) Ġie konsultat il-Kumitat ta' l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti (CMFB), imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/115/KEE ([4]), kif emendat bid-Deċiżjoni 96/174/KE ([5]).

(9) Il-miżuri meħuda f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programm Statistiku (SPC), imwaqqaf bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

Il-mira ta' dan ir-Regolament huwa li jiddefinixxi l-lista u l-karatteristiċi ewliena li jridu jiġu mibgħuta kull kwart ta' sena mill-Istati Membri kollha mis-sena 2000, sabiex ikun disponibbli sett ta' statistika komuni u armonizzat fuq żmien qasir dwar il-finanzi pubbliċi.

Artikolu 2

Kategoriji interessati fit-trasmissjoni ta' *data* kull kwart ta' sena

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) *data* kull kwart ta' sena għall-kategoriji li ġejjin ta' riżorsi u użi tal-gvern ġenerali, kif kodifikati fl-ESA 95:

fuq in-naħa tar-riżorsi:

– taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni (D.2)

– taxxi korrenti fuq id-dħul, għana, ecc. (D5)

– taxxi kapitali (D.91)

– kontribuzzjonijiet soċjali attwali (D.611),

fuq in-naħa ta' l-użu:

– benefiċċji soċjali oħra għajr trasferimenti soċjali f'oġġetti (D.62).

Artikolu 3

Sorsi u metodi għall-bini tad-*data* kull kwart ta' sena

Il-bini ta' *data* kull kwart ta' sena għall-kategoriji riferiti fl-Artikolu 2 għandhom jirrispettaw ir-regoli li ġejjin:

1. *data* kull kwart ta' sena għandha tkun imsejsa fuq tagħrif dirett minn għejun bażiċi, bħalma huma per eżempju sorsi ta' kontijiet pubbliċi jew amministrattivi, li jirrappreżentaw, għal kull kategorija, mill-inqas 90 % ta' l-ammont tal-kategorija;

([1]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 58, tas-27.2.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 209, tat-2.8.1997, p. 1.
([4]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p. 19.
([5]) ĠU L 51, ta' l-1.3.1996, p. 48.
([6]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

2. it-tagħrif dirett għandu jitlesta b'aġġustamenti ta' kopertura, jekk meħtieġa, u b'aġġustamenti konċettwali sabiex iġibu d-*data* ta' kull kwart ta sena jaqblu mal-fehma ta' l-ESA 95.

3. id-*data* ta' kull kwart ta'sena u d-*data* ta' kull sena korrispondenti għandhom ikunu konsistenti.

Artikolu 4

Tqassim taż-żmien għat-trasmissjoni ta*d-data* kull kwart ta' sena

1. *Data* għal kull kwart tas-sena għandhom jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni (Eurostat) f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tliet xhur mit-tmiem tal-kwart tas-sena li għalih jirreferu *d-data*.

2. Kull reviżjoni ta*d-data* kull kwart ta' sena għandha tiġi mibgħuta fl-istess żmien.

3. L-ewwel kunsinna ta*d-data* kull kwart ta' sena għandha tirreferi għa*d-data* ta' l-ewwel kwart tas-sena 2000. Dawn i*d-data* għandhom jintbagħtu mhux iktar tard mit-30 Ġunju 2000.

Artikolu 5

Trasmissjoni tas-serje ta' żmien

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) i*d-data* ta' kull kwart tas-sena għall-kategoriji riferiti fl-Artikolu 2 u li jibdew mill-ewwel kwart tas-sena 1991.

2. *Data* b'lura għandhom jinbnew skond l-għejun u l-metodi speċifikati fl-Artikolu 3(2) u (3).

3. *Data* b'lura mill-ewwel kwart tas-sena 1998 sa l-aħħar kwart tas-sena 1999 għandhom jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni (Eurostat) mhux iktar tard mill-31 Diċembru 2000.

4. *Data* b'lura mill-ewwel kwart tas-sena 1991 sar-raba' kwart tas-sena 1997 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) mhux iktar tard mit-30 Ġunju 2002.

Artikolu 6

Dispożizzjonijiet transizzjonali

1. Dispożizzjonijiet transizzjonali għandhom jinteressaw lill-Istati Membri li m'humiex f'pożizzjoni li jibgħatu, mis-sena 2000, i*d-data* għal kull kwart ta' sena skond it-tqassim taż-żmien deskritt fl-Artikolu 4(1) u skond l-għejun u l-metodi speċifikati fl-Artikolu 3.

2. Dawn l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) l-aħjar stimi tagħhom tal-kwart tas-sena skond it-tqassim taż-żmien deskritt fl-Artikolu 4.

3. Fl-istess ħin għandhom jindikaw liema passi jkun għadhom jeħtieġu jagħmlu sabiex jkkonformaw mal-għejun u metodi speċifikati fl-Artikolu 3.

4. Il-perjodu ta' żmien li għalih jirreferu d-dispożizzjonijiet transizzjonali ma għandux jaqbeż it-tqassim ta' żmien speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Implimentazzjoni tar-Regolament

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) deskrizzjoni ta' l-għejun u l-metodi wżati biex jibnu *d-data* ta' kull kwart ta' sena (deskrizzjoni inizjali), mhux iktar tard minn Marzu 2000.

2. Kull reviżjoni tad-deskrizzjoni inizjali ta' l-għejun u l-metodi wżati għall-bini ta*d-data* ta' kull kwart ta' sena għandha tingħata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) meta jibagħtu *d-data* riveduti.

3. Id-deskrizzjoni inizjali u reviżjonijiet possibbli għandhom ikunu suġġetti għall-ftehim bejn kull Stat Membru interessat u l-Kummissjoni (Eurostat).

4. Fuq il-bażi tad-deskrizzjoni/jiet mibgħuta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha teżamina partikolarment l-applikabilità tal-kriterju ta' 90 % meħtieġ skond l-Artikolu 3(1), għall-ewwel estimu ta' kwart ta' sena li għandu x'jaqsam ma' kull waħda mill-kategoriji riferiti fl-Artikolu 2.

Jekk joħroġ fid-dehr li Stat Membru ma jkunx kapaċi jilħaq il-kriterju ta' 90 % minħabba l-kondizzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħti deroga lill-Istat Membru interessat.

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha żżomm lill-SPC u lis-CMFB informati bl-għejun u l-metodi wżati minn kull Stat Membru.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Tqassim taż-żmien li jiddikjara t-temma taż-żmien ("*deadline*") għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet transizzjonali

L-Artikolu 6(4)

Stati membri	Taxxi fuq produzzjoni u importazzjonijiet (D2) Taxxi kurrenti fuq id-dħul ġid, eċċ (D.5) Taxxi Kapitali (D.91)	Kontribuzzjonijiet attwali u soċjali (D.611)	Benefiċċji soċjali barra min Trasferimenti soċjali f'natura (D.62)
Belġju	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Danimarka	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Germanja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Greċja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Spanja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Franza	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Irlanda	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Italja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Lussemburgu	1 ta' Jannar 2002 (D.2) 1 ta' Jannar 2002 (D.5) 1 ta' Jannar 2002 (D.91)		
Olanda	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Awstrija	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Portugall	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Finlandja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
Svezja	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002
L-Inghilterra	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002	1 ta' Jannar 2002